

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/452

tas-26 ta' Marzu 2020

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/570 fir-rigward tal-kapaċitajiet stabbiliti biex jirrispondu għal riskji ta' probabbiltà baxxa b'impatt għoli

(notifikata bid-dokument C(2020) 2011)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 32(1) tagħha,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni 1313/2013/UE tistabbilixxi l-qafas legali ta' rescEU. rescEU hija riżerva ta' kapaċitajiet fil-livell tal-Unjoni li għandha l-għan li ttipprova assistenza f'sitwazzjonijiet tant serji li fihom il-kapaċitajiet eżistenti fil-livell nazzjonali u dawk impenjati mill-Istati Membri għar-Riżerva Ewropea ta' Protezzjoni Ċivili ma jkunux jistgħu jiżguraw rispons effettiv għal diżastri naturali u dawk ikkawżati mill-bniedem.
- (2) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/570 ⁽²⁾ tistabbilixxi l-kompożizzjoni inizjali ta' rescEU f'termini ta' kapaċitajiet u r-rekwiżiti ta' kwalità tagħha. Ir-riżerva ta' rescEU sa issa tikkonsisti minn kapaċitajiet tattifi tan-nirien forestali mill-ajru; kapaċitajiet ta' evakwazzjoni medika bl-ajru, kapaċitajiet ta' timijiet mediċi ta' emerġenza, u kapaċitajiet tal-ħażniet mediċi.
- (3) L-Artikolu 21(4) tad-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE jipprevedi l-possibbiltà li jiġu stabbiliti kapaċitajiet ta' rescEU biex jiġu ġestiti riskji ta' probabbiltà baxxa b'impatt għoli. Sabiex jiġu stabbiliti dawk il-kapaċitajiet, il-kategoriji ta' riskji ta' probabbiltà baxxa b'impatt għoli jenħtieġ li jiġu ddefiniti f'din id-Deċiżjoni, filwaqt li jitqiesu x-xenarji possibbli għal tali riskji.
- (4) Il-kapaċitajiet tar-rescEU stabbiliti biex jirrispondu għal riskji ta' probabbiltà baxxa b'impatt għoli jenħtieġ li jkunu ffinanzjati għalkollox mill-Unjoni minħabba n-natura speċjalizzata ħafna tagħhom, l-ispejjeż kbar tagħhom, u l-iskarsezza tagħhom fil-livell tal-Unjoni. F'konformità mal-Artikolu 21(4) u l-Artikolu 23(4b) tad-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE, għall-tali kapaċitajiet stabbiliti, l-assistenza finanzjarja tal-Unjoni jenħtieġ li tkopri l-ispejjeż kollha neċessarji biex tiżgura d-disponibbiltà u l-iskjerabbiltà u jiġu koperti l-kostijiet operazzjonali kollha meta skjerati taħt il-Mekkaniżmu tal-Unjoni.

⁽¹⁾ ĠU L 347, 20.12.2013, p. 924.

⁽²⁾ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/570 tat-8 ta' April 2019 li jstabbilixxi r-regoli għall-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni 1313/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-kapaċitajiet tar-rescEU u li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/762/UE (ĠU L 99, 10.4.2019, p. 41).

- (5) Meta tiddefinixxi kapaċità bħala rescEU permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni jenħtieġ li tivvaluta jekk il-kapaċità partikolari għandhiex tiġi kkunsidrata li tirrispondi għal riskji ta' probabbiltà baxxa b'impatt għoli.
- (6) Il-proċess tal-identifikazzjoni tal-kapaċitajiet stabbiliti biex jirrispondu għal riskji ta' probabbiltà baxxa b'impatt għoli għandu jkun ibbażat fuq ir-rilevanza strateġika tagħhom, li jsir b'mod trasparenti u f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri.
- (7) Sabiex jiġu ġestiti riskji ta' probabbiltà baxxa b'impatt għoli jiġu, bħal pereżempju attakk bijoloġiku fuq skala kbira jew epidemija li twassal għal bosta pazjenti b'marda infettiva ħafna, jenħtieġ li jintużaw kapaċitajiet mediċi għal pazjenti b'mard infettiv ħafna ("Medevac HID"), kapaċitajiet ta' evakwazzjoni medika mill-ajru għall-vittmi ta' diżastri, u kapaċitajiet ta' timijiet mediċi ta' emerġenza tat-tip 3 ("EMT-3"). Jenħtieġ li l-kapaċitajiet ta' ħażniet mediċi jintużaw ukoll biex jirrispondu għal theddidiet għas-saħħa transfruntieri li jkunu qed jieħdu fit-tul, li jkollhom il-potenzjal li jfixklu l-ġholi ta' servizzi soċjali, ambjentali, ekonomiċi u tas-saħħa pubblika minħabba d-daqs u l-kumplessità tagħhom.
- (8) Fid-dawl tal-emerġenza tal-COVID-19, minħabba li huwa neċessarju li tiġi stabbilita malajr riżerva komuni Ewropea li tista' tappoġġa lill-Istati Membri biex jirrispondu, jenħtieġ li tapplika r-retroattività għall-kapaċitajiet ta' ħażniet mediċi skont rescEU mid-data tad-deżinjazzjoni tagħhom bħala kapaċità ta' rescEU permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/414 ^(¹).
- (9) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/570 tiġi emendata.
- (10) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat li jissemma fl-Artikolu 33(1) tad-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/570 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 1 huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt (e) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(e) l-ispejjeż totali smati tal-kapaċitajiet ta' ħażniet mediċi tar-rescEU;"

(b) Jiżdiedu l-punti (f) u (g) li ġejjin:

"(f) il-kategoriji ta' riskji bi probabbiltà baxxa b'impatt għoli;

(g) il-kapaċitajiet ta' rescEU stabbiliti biex jimmaniġġjaw riskji ta' probabbiltà baxxa b'impatt għoli.";

(2) jiddaħħlu l-Artikoli li ġejjin:

"Artikolu 3d

Kategoriji ta' riskji ta' probabbiltà baxxa b'impatt għoli

Għall-finijiet li jiġu stabbiliti kapaċitajiet ta' rescEU neċessarji għal rispons għal riskji ta' probabbiltà baxxa b'impatt għoli, il-Kummissjoni għandha tqis dan li ġej:

(a) l-imprevedibbiltà jew in-natura straordinarja tad-diżastru;

(b) l-iskala ta' diżastru, inklużi masen ta' vittmi, masen ta' mwiet, u spostament tal-massa;

(c) id-durata mdewma ta' diżastru;

(d) il-grad ta' kumplessità ta' diżastru;

⁽¹⁾ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/414 tad-19 ta' Marzu 2020 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/570 fir-rigward tal-kapaċitajiet ta' ħażniet mediċi tar-rescEU (ĠU L 82I, 19.3.2020, p. 1).

- (e) ir-riskju potenzjali ta' tfixkil serju tal-funzjonament tal-gvern nazzjonali, inkluż il-provvediment ta' servizzi soċjali, ambjentali, ekonomiċi u tas-saħħa pubblika, jew it-tfixkil tal-infrastruttura kritika msemmija fl-Artikolu 2(a) tad-Direttiva tal-Kunsill 2008/114/KE (*);
- (f) il-firxa ġeografika, inkluż il-potenzjal tal-impatti li jinfirxu lil hinn mill-fruntieri;
- (g) fatturi oħrajn bħall-attivazzjoni fil-modalità sħiħa tal-Arranġamenti Integrati tal-UE għal Rispons Politiku f'Sitwazzjonijiet ta' Kriżi (IPCR) tal-Kunsill jew l-invoċazzjoni tal-klawżola ta' solidarjetà skont l-Artikolu 222 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.”

“Artikolu 3e

Kapaċitajiet ta' rescEU stabbiliti biex jirrispondu għal riskji ta' probabbiltà baxxa b'impatt għoli

1. Kapaċitajiet li jikkorrespondu għal avvenimenti kkaratterizzati mill-inqas minn tnejn mill-kategoriji, kif speċifikati fl-Artikolu 3d, għandhom jiġu stabbiliti bl-oġettiv li jirrispondu għal riskji ta' probabbiltà baxxa b'impatt għoli.
2. Għal kull kapaċità ta' rescEU ddefinita skont l-Artikolu 2(2), il-Kummissjoni għandha tikkunsidra jekk il-kapaċità tistax tiġi stabbilita biex tirrispondi għal riskji ta' probabbiltà baxxa b'impatt għoli.
3. Il-kapaċitajiet ta' rescEU msemmija fil-punti (c), (d), (e) u (f) taħt l-Artikolu 2(2) għandhom jiġu stabbiliti bl-għan li jimmaniġġjaw riskji ta' probabbiltà baxxa b'impatt għoli. L-assistenza finanzjarja tal-Unjoni għandha tkopri kull spiża neċessarja biex tiżgura d-disponibbiltà u l-iskjerabbiltà tagħhom, f'konformità mal-Artikolu 21(4) tad-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE.
4. Meta l-kapaċitajiet ta' rescEU msemmija fil-punti (c), (d), (e) u (f) taħt l-Artikolu 2(2) jiġu skjerati skont il-Mekkaniżmu tal-Unjoni, l-assistenza finanzjarja tal-Unjoni għandha tkopri 100 % tal-ispejjeż operazzjonali, f'konformità mal-Artikolu 23(4b) tad-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE.

(*) Id-Direttiva tal-Kunsill 2008/114/KE tat-8 ta' Diċembru 2008 dwar l-identifikazzjoni u l-indikazzjoni tal-Infrastruttura Kritika Ewropea u l-valutazzjoni tal-ħtieġa għat-titjib tal-ħarsien tagħhom (ĠU L 345, 23.12.2008, p. 75).

Artikolu 2

Destinatarji

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Għandha tapplika mid-19 ta' Marzu 2020.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Marzu 2020.

Għall-Kummissjoni
Janez LENARČIČ
Membru tal-Kummissjoni